**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 2 ta' Frar 2021 (OR. en)**

**5865/21**

**Fajl Interistituzzjonali: 2021/0020(COD)**

**AGRI 43**
**AGRIFIN 10**
**AGRIORG 10**
**AGRISTR 7**
**STATIS 3**
**CODEC 139**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Frar 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 37 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 37 final.

Mehmuż: COM(2021) 37 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2021
COM(2021) 37 final

2021/0020 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Il-Eurostat ilu għexieren ta' snin jikkompila l-istatistika agrikola Ewropea dwar l-agrikoltura tal-UE. Illum, din tkopri dawn l-aspetti li ġejjin: l-istruttura tal-azjendi agrikoli, il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura, il-produzzjoni tal-annimali u tal-pjanti, il-biedja organika, il-prezzijiet agrikoli, il-pestiċidi, in-nutrijenti, u aspetti agroambjentali oħra. L-għan ewlieni hu li jiġu monitorjati u evalwati l-politika agrikola komuni (il-PAK) u politiki importanti oħra tal-UE, u li jkun appoġġat it-tfassil tal-politika.

Dawn il-ġabriet tad-*data* ġew evalwati fl-2016[1] u nstab li jeħtieġu aġġornament biex ikunu jqisu l-bidliet fl-agrikoltura, fil-PAK u f'politiki relatati oħra tal-UE. L-"istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha"[2] hi programm ewlieni mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri li għandu l-għan jimmodernizza l-istatistika agrikola tal-Unjoni Ewropea. Bl-appoġġ tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, l-istrateġija hi parti mill-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), u għandha l-għan li tissimplifika u ttejjeb is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS). L-istrateġija timxi wkoll ma' rakkomandazzjonijiet internazzjonali bħal-linji gwida għar-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU; barra minn hekk l-istrateġija timplimenta l-Istrateġija Globali tan-NU għat-titjib tal-istatistika agrikola u rurali.

Mil-lat ekonomiku, l-agrikoltura hi settur relattivament żgħir, iżda tkopri kważi nofs l-erja tal-art tal-UE u tipprovdi l-biċċa l-kbira tal-ikel għaliha, biex tiżgura s-sikurezza alimentari kif ukoll is-sigurtà alimentari. L-agrikoltura tħalli impatt kbir fuq it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u ħafna komunitajiet rurali jiddependu fuqha. L-UE teħtieġ informazzjoni dwar l-agrikoltura li tkun kemm jista' jkun preċiża, u li tippermettilha tfassal politiki ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea u li talloka l-baġit sostanzjali tal-PAK u tal-miżuri relatati bl-aktar mod effiċjenti u effettiv f'diversi dimensjonijiet. Barra minn hekk, l-agrikoltura tinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari tal-"istrateġija mill-għalqa sal-platt" tiegħu.

Hu ferm importanti li niżguraw li l-abitanti tal-UE jkollhom aċċess sigur għal ikel biżżejjed ta' kwalità għolja f'kull ħin. B'hekk neħtieġu statistika regolari dwar iż-żoni u l-produzzjoni ta' diversi għelejjel u dwar l-annimali u l-prodotti derivati. L-agrikoltura tħalli impatt ukoll fuq l-ambjent. Dan ma jistax jiġi vvalutat mingħajr informazzjoni dwar l-input tan-nutrijenti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-prestazzjoni tas-settur agrikolu kollu kemm hu tista' tiġi vvalutata bi statistika dwar il-prezzijiet tal-inputs u l-outputs agrikoli. L-agrikoltura tgħin biex tmantni ż-żoni rurali u l-pajsaġġi madwar l-UE u żżomm l-ekonomija rurali ħajja billi toħloq impjiegi f'kumpaniji li jipprovdu prodotti u servizzi għas-settur, fl-industriji agroalimentari u setturi assoċjati. Għalhekk, l-istatistika agrikola trid tkun tkopri d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura.

---

1 SWD(2017)96 – Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni mehmuż mad-dokument Strateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn minnha u xenarji leġiżlattivi potenzjali sussegwenti (disponibbli bl-Ingliż biss).

2 https://ec.europa.eu/eurostat/web/agriculture/methodology/strategy-beyond-2020 (disponibbli bl-Ingliż biss).

Il-Eurostat ilu sa mill-ħamsinijiet jipprovdi statistika dwar l-għelejjel u l-annimali, u sussegwentement żied statistika dwar il-prezzijiet agrikoli, statistika dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u statistika dwar in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Din l-istatistika ġiet regolata f'leġiżlazzjoni Ewropea aġġornata ta' spiss jew bi ftehimiet informali u ftehimiet tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS). L-evalwazzjoni tas-sistema attwali tal-istatistika agrikola tirrakkomanda ħafna li jitħaddem approċċ sistematiku fis-sistema kollha tal-istatistika agrikola.

L-aktar alternattiva fattibbli minn fost dawk analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt u sussegwentement proposti bħala t-triq 'il quddiem kienet li l-istatistika agrikola kollha jenħtieġ tkun koperta minn tliet Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar:

- id-*data* fil-livell tal-azjendi agrikoli bi trażmissjoni tal-mikrodata, abbażi ta' approċċ modulari b'varjabbli, moduli u satelliti ewlenin,
- il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura, u
- l-istatistika aggregata dwar l-input/l-output agrikoli b'*data* tabulari.

L-ewwel Regolament, ir-Regolament dwar l-Istatistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli (IFS) ġie adottat fl-2018[3], filwaqt li t-tieni Regolament, ir-Regolament dwar il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura (EAA)[4] bħalissa għaddej minn proċess ta' modernizzazzjoni.

It-tielet Regolament hu l-proposta leġiżlattiva attwali dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli (SAIO).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Biex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza, l-istatistika trid tkun affidabbli u ta' kwalità għolja.

L-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 imsemmija hawn fuq tinkludi l-objettivi ewlenin li ġejjin:

- tipproduċi statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettiv; u
- ittejjeb l-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea.

Din il-proposta tindirizza dawn l-objettivi b'mod dirett.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-ixprun ewlieni tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017[5] (estiż sal-2018-2020[6]) hu li tingħata statistika ta' kwalità li tappoġġa l-politiki Ewropej. L-istatistika ambjentali u

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

[6] Ir-Regolament (UE) 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih sal-2020 (ĠU L 284, 31.10.2017, p. 1).

agrikola hi waħda mit-tliet pilastri tal-produzzjoni tal-istatistika permezz ta' dak il-programm. Fost l-objettivi rilevanti tal-programm hemm "l-analiżi u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tad-*data* dwar l-agrikoltura b'konformità mal-analiżi tal-PAK ta' wara l-2013" u "t-tfassil mill-ġdid ta' proċessi tal-ġbir tad-*data* dwar l-agrikoltura, b'mod partikolari biex jittejbu l-kwalità u t-tempestività tad-*data* mogħtija". Din l-inizjattiva timplimenta dak l-objettiv.

Billi tipprovdi *data* aħjar għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tas-settur għall-ambjent, in-nies, ir-reġjuni u l-ekonomija, is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola se tikkontribwixxi wkoll għal mill-inqas tnejn mis-sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni von der Leyen, jiġifieri:

- Patt Ekoloġiku Ewropew bl-istrateġiji sottostanti mill-għalqa sal-platt u tal-bijodiversità
- ekonomija li taħdem għan-nies.

L-istatistika agrikola hi utli wkoll għal prijoritajiet oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri li jaffettwaw jew li huma affettwati mill-agrikoltura u mill-iżvilupp rurali.

Lil hinn minn dan, il-proposta għal programm tas-suq uniku[7] li bħalissa qed tiġi diskussa mill-istituzzjonijiet tipprovdi qafas għal finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni teħtieġ informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istatistika Ewropea tippermetti liċ-ċittadini Ewropej jifhmu u jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u fid-dibattitu dwar l-istat preżenti u futur tal-Unjoni. Fir-rigward tal-istatistika agrikola, l-enfasi hi fuq il-forniment ta' *data* fil-ħin u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, u politiki relatati mal-ambjent, is-sigurtà alimentari u t-trattament xieraq tal-annimali.

L-istatistika agrikola tipprovdi evidenza statistika ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ tal-PAK. Il-PAK hi xprun importanti għall-impjiegi u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ fl-Unjoni. Il-politika tal-iżvilupp rurali, li hi parti integrali tal-PAK u fuq nett tal-objettivi soċjali tagħha, għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola. Il-PAK tirrappreżenta aktar minn 37% tal-baġit totali tal-Unjoni fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020.

L-istatistika agrikola hi wkoll dejjem aktar meħtieġa għal politiki ewlenin oħra tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-politiki ambjentali u dwar it-tibdil fil-klima, il-politika kummerċjali, il-politika soċjali, il-politika reġjonali, u l-bqija.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika meta din l-istatistika tkun meħtieġa biex l-Unjoni taqdi r-rwol tagħha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, filwaqt li jiddikjara li l-istatistika trid tkun konformi ma' standards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, kosteffettività u kunfidenzjalità statistika.

[7] COM(2018) 441.

Il-bażi ġuridika għar-rapporti tal-kwalità hi l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma tkunx fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-ESS tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema tfasslet biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' bosta utenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata biex tipproteġi l-attivitajiet ewlenin tas-sħab tal-ESS filwaqt li tiżgura aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola.

Wieħed mill-kriterji ewlenin li d-*data* statistika trid tissodisfa hu l-konsistenza u l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kunċetti komuni tal-istatistika, il-formati tar-rappurtar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

Ir-rekwiżit tal-komparabbiltà hu importanti ħafna għall-istatistika agrikola minħabba l-PAK. L-objettiv tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti jekk l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti. Tista' tittieħed azzjoni aktar effettiva fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' att legali tal-Unjoni li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fid-dominji tal-istatistika koperti mill-att propost. Sadanittant, il-ġbir tad-*data* nnifsu jista' jsir mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fid-dawl ta' dan li ġej:

Se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea miġbura u kkompilata bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji madwar l-Istati Membri. Bl-istess mod, se tiżgura li l-istatistika agrikola Ewropea tibqa' rilevanti u tkun adattata biex tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-utenti. Ir-Regolament se jagħmel il-produzzjoni tal-istatistika aktar kosteffettiva filwaqt li jirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita lilu nnifsu għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Minħabba l-objettivi u l-kontenut tal-proposta, Regolament hu l-aktar strument xieraq. Politiki komuni tal-UE importanti bħall-PAK minnhom infushom jiddependu fuq statistika agrikola komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu jkunu żgurati bl-aħjar mod b'Regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri mingħajr il-bżonn li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

[8] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tas-sistema Ewropea tal-istatistika agrikola għall-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha indikat il-ħtieġa ta' approċċ aktar sistematiku fid-dominju kollu.

L-evalwazzjoni tas-sistema tal-istatistika agrikola wriet li:

- il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-istatistika agrikola ma tissodisfax b'mod adegwat il-ħtiġijiet tad-*data* l-ġodda u emerġenti għax il-provvista tagħha mhix inkluża f'dik il-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, l-atti legali mhumiex flessibbli u integrati biżżejjed biex jirrispondu għall-ħtiġijiet il-ġodda fil-ħin;
- l-EASS mhix flessibbli biżżejjed u mhux qed tirreaġixxi malajr biżżejjed għall-ħtiġijiet emerġenti, parzjalment minħabba l-funzjonament inerenti tal-istatistika, parzjalment minħabba l-mod kif ġew stabbiliti r-Regolamenti, iżda anki minħabba nuqqasijiet baġitarji u ta' riżorsi umani;
- il-ġbir tad-*data* mhux armonizzat u koerenti sa grad sodisfaċenti għax qed ifeġġu ħtiġijiet tad-*data* ġodda, il-leġiżlazzjoni ġiet żviluppata separatament tul ħafna snin, u xi drabi jkun hemm definizzjonijiet u kunċetti differenti f'oqsma agrikoli differenti;
- l-istatistika tista' tiġi prodotta b'mod aktar effiċjenti jekk il-leġiżlazzjoni tiġi adattata biex tippermetti li jintużaw diversi sorsi tal-informazzjoni u jekk l-Istati Membri jadattaw ruħhom għat-teknoloġija moderna.

Saret konsultazzjoni pubblika għall-evalwazzjoni, u r-riżultati huma dettaljati f'rapport separat[9].

L-istrateġija sussegwenti dwar l-istatistika agrikola tikkonkludi li l-istatistika agrikola trid titfassal u tiffunzjona bħala sistema, fejn il-partijiet jaqblu flimkien u jagħmlu l-output aktar sinifikanti mis-somma tagħhom. Barra minn hekk, l-istatistika agrikola trid taqbel mingħajr intoppi mal-ESS kollha. Is-sorsi tad-*data* jridu jiġu diversifikati. Meta possibbli, iridu jintużaw sorsi oħra tad-*data*; iridu jiġu integrati l-ICT u teknoloġiji ġodda oħra (eż. il-Big Data, innovazzjonijiet imsejsa fuq ir-riċerka); l-effettività u l-effiċjenza tal-metodi tal-ġbir tad-*data* jridu jiġu vvalutati skont il-ħtiġijiet tad-*data* u l-kriterji tal-kwalità, u l-frammentazzjonijiet (stopepipes) eżistenti jenħtieġ jitneħħew.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Eurostat jiżviluppa, jipproduċi u jxerred statistika agrikola Ewropea b'kooperazzjoni mill-qrib, koordinata u regolari fl-ESS, imejsa fuq sħubija twila mal-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet rilevanti oħra.

F'livell kumplessiv u b'referenza għall-"Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn minnha", il-kategoriji ewlenin tal-partijiet ikkonċernati tal-istatistika agrikola Ewropea

[9] Is-sit web tal-konsultazzjoni pubblika tal-Eurostat: http://ec.europa.eu/eurostat/about/opportunities/consultations/eass
Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika miftuħa: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/6937766/Agricultural-Statistics-Strategy-2020-Report.docx (disponibbli bl-Ingliż biss).

huma l-produtturi tad-*data* (l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra kif ukoll il-Eurostat), ir-rispondenti (il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u n-negozji) u l-utenti (ir-riċerkaturi, il-ġurnalisti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi u privati, b'mod partikolari fosthom dipartimenti oħra tal-Kummissjoni). Dawn il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod estensiv dwar il-problemi u l-bidliet mixtieqa fl-i*status quo*, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tad-*data* tagħhom, l-alternattivi ta' politika possibbli biex jissolvew il-problemi, l-impatti tal-azzjonijiet issuġġeriti, u b'mod speċifiku l-formulazzjoni tal-istrateġija. Il-fora ewlenin ta' dawn il-konsultazzjonijiet kienu (i) il-laqgħat u s-seminars tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (CPSA) u s-suċċessur tiegħu, il-Grupp tad-Diretturi għall-Istatistika Agrikola (DGAS) (magħmul minn diretturi tal-istatistika agrikola tal-NSIs) li ta' spiss jinstemgħu d-dipartimenti tal-Kummissjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali, u organizzazzjonijiet tal-bdiewa, (ii) il-laqgħat tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (magħmul mid-diretturi ġenerali tal-NSIs), u (iii) konsultazzjonijiet u seduti skedati b'mod regolari fi ħdan id-dipartimenti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ġie ppubblikat pjan direzzjonali għall-proposta tal-SAIO fuq il-pjattaforma tal-Kummissjoni Ewropea "Semma' Leħnek" għal 4 ġimgħat ta' rispons mill-pubbliku.

Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet kollha ġew ikkunsidrati fl-evalwazzjoni msemmija hawn fuq u waqt l-iżvilupp tal-proposta.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Eurostat kellu diskussjonijiet estensivi dwar il-kontenut tal-proposta mal-NSIs permezz ta' task forces speċifiċi u permezz ta' gruppi ta' esperti eżistenti, inkluż fil-livell tad-diretturi.

Il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika f'Ottubru 2020.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-impatt tal-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha[10], li l-SAIO tagħmel parti minnha, irċeviet opinjoni favorevoli mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[11].

Din il-valutazzjoni tal-impatt twettqet fil-livell tal-istrateġija minħabba l-approċċ sistematiku fis-sistema kollha tal-istatistika agrikola biex ikun żgurat li l-partijiet kollha jaqblu flimkien.

Tqiesu erba' alternattivi ewlenin:

(1) ix-xenarju bażi – L-ebda azzjoni tal-UE dwar id-*data* strutturali agrikola: din l-alternattiva tħalli l-ġbir tad-*data* f'idejn l-Istati Membri, u dan jirriżulta f'taħlita ta' approċċi u kwalitajiet differenti.

(2) estensjoni tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008: din l-alternattiva tkompli l-i*status quo*.

(3) qafas legali uniku għall-istatistika agrikola kollha: din l-alternattiva tintegra l-ġbir tad-*data* kollu dwar l-istatistika agrikola f'regolament qafas uniku ġdid.

[10] SWD(2016) 430.

[11] Valutazzjoni tal-impatt, Sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt, Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (disponibbli bl-Ingliż biss).

(4) integrazzjoni f'żewġ stadji tal-istatistika agrikola: din l-alternattiva tippriżerva l-vantaġġi tal-alternattiva 3 filwaqt li żżid il-flessibbiltà u tnaqqas il-pressjoni tal-ħin billi toħloq żewġ regolamenti qafas ġodda f'żewġ stadji distinti.

L-alternattiva ppreferuta kienet l-alternattiva 4 għax kienet toffri l-aħjar mod kif jintlaħqu l-objettivi.

Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li l-EASS jenħtieġ li, bħala alternattiva ppreferuta, fl-aħħar mill-aħħar tkun koperta minn tliet regolamenti. Tnejn minn dawn ir-regolamenti jkunu ġodda u jissostitwixxu diversi regolamenti antiki tal-UE dwar l-istatistika agrikola. L-ewwel wieħed minn dawn, ir-Regolament (UE) 2018/1091 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli (IFS), li jkopri d-*data* dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli, il-ġonna tal-frott u l-vinji, ġie adottat fl-2018. It-tieni wieħed hu l-proposta attwali għal regolament dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli (SAIO) li jkopri l-inputs u l-outputs tas-settur agrikolu: il-produzzjoni agrikola (għelejjel u annimali) inkluż il-biedja organika, il-prezzijiet agrikoli, in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. It-tielet regolament, kif imsemmi fil-valutazzjoni tal-impatt, se jikkonċerna emenda għar-Regolament (KE) Nru 138/2004 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra (EAA). L-EAA huma kont satellita tal-kontijiet nazzjonali u min-natura tagħhom huma makroekonomiċi, u għalhekk ma ġietx proposta l-integrazzjoni tagħhom fir-regolamenti qafas il-ġodda. Minflok, ġie propost li jibqgħu soġġetti għal leġiżlazzjoni indipendenti, kif ilu l-każ minn meta r-Regolament tal-EAA daħal fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2004, u li jiġu modernizzati simultanjament mal-iżvilupp tal-SAIO.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-istatistika hi primarjament leġiżlazzjoni amministrattiva li taffettwa l-utenti tad-*data* (prinċipalment id-dipartimenti tal-Kummissjoni li jaħdmu fuq il-politiki), il-produtturi tad-*data* (l-NSIs), u r-rispondenti tad-*data* (il-bdiewa). Għalhekk, l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti tagħha huma limitati. Il-kostijiet diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament għal sistemi statistiċi u tekniċi ġodda. Fi żmien medju u fit-tul, l-azzjonijiet ta' modernizzazzjoni kienu mistennija jwasslu għal tnaqqis żgħir fil-piż u ffrankar fil-kostijiet. Ħafna mill-iffrankar jiġi mir-rekwiżiti ta' kopertura aktar baxxa tar-Regolament (UE) 2018/1091. Il-kostijiet tal-istatistika jridu jiġu bbilanċjati mal-benefiċċji soċjali tagħhom iżda jridu jitqabblu wkoll mal-kost li ma jkunx hemm statistika, jew li jkun hemm biss statistika ta' kwalità baxxa.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta hi parti mill-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha, programm ewlieni mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE li għandu l-għan jimmodernizza l-istatistika agrikola tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, l-istrateġija għandha l-għan tissimplifika u ttejjeb l-EASS; din hi appoġġata wkoll mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u hi parti mill-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), bil-għan li tissimplifika u ttejjeb l-EASS.

Bħalissa, l-istatistika agrikola hi bbażata fuq bosta strumenti ta' leġiżlazzjoni u ftehimiet differenti. Jenħtieġ li dawn ilkoll jingħaqdu flimkien biex jinħoloq approċċ sistematiku. Dan se jissimplifika s-sistemi użati għall-ġbir tad-*data* statistika. Hemm ukoll pjanijiet li jippermettu l-użu ta' diversi sorsi tad-*data*, inkluż it-telerilevament, biex jonqos il-piż għar-rispondenti.

Din il-proposta tkopri l-produzzjoni agrikola aggregata (għelejjel u annimali) inkluż il-biedja organika, il-prezzijiet agrikoli, in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Dawn

jittrattaw l-inputs (il-prezzijiet taż-żrieragħ, il-pestiċidi, l-għalf, eċċ.) u l-outputs (il-produzzjoni u l-prezzijiet tal-għelejjel u tal-annimali) agrikoli. Id-*data* tista' tinġabar mingħand azjendi agrikoli, sorsi amministrattivi, intermedjarji (azjendi tal-ħalib, eċċ.), entitajiet bl-ingrossa u organizzazzjonijiet tas-suq, u spiss tinkludi ċertu ammont ta' stimi esperti. L-introduzzjoni ta' qafas koerenti se jippermetti b'mod partikolari l-iżvilupp ta' arkitettura legali integrata, kif ukoll ippjanar u koerenza aħjar tal-istħarriġ u ġabriet oħra tad-*data*.

• **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt finanzjarju tal-proposta għandu durata bla limitu. Il-proposta ma tinkludix il-finanzjament ta' ġabriet regolari tad-*data*, iżda tipprevedi kofinanzjament mill-Unjoni ta' ġabriet tad-*data ad hoc*, li ż-żmien tagħhom mhux magħruf. L-ewwel ġbir tad-*data ad hoc* jista' jkun mistenni għal mhux qabel sentejn minn meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament ippjanat. Dawn il-ġabriet tad-*data* ma jkunux magħrufa minn qabel, u għalhekk ma tista' tingħata l-ebda informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom. Ladarba jkun meħtieġ dan il-ġbir tad-*data ad hoc*, jiġu evalwati l-kostijiet involuti u jiġu ddettaljati aktar fl-abbozzar tal-att delegat u tal-att ta' implimentazzjoni, u fi kwalunkwe każ ikunu koperti mill-approprjazzjonijiet allokati għall-pakketti finanzjarji tal-programmi rilevanti inklużi fil-Baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

• **Pjanijiet għall-implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Ir-regolament propost mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2022, bil-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jiġu adottati ftit wara. Ir-Regolament se jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa ta' pjan ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri mistennija jibdew jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni skont ir-Regolament il-ġdid fl-2023.

L-istrument leġiżlattiv propost hu parti mill-EASS, li se jkun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari biex jiġi vvalutat, fost affarijiet oħra, kemm kien effettiv u effiċjenti biex jintlaħqu l-objettivi u biex jiġi deċiż jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.

• **Monitoraġġ tal-konformità tal-istatistika prodotta**

Il-Eurostat iwettaq valutazzjonijiet regolari tal-konformità. Dawk il-valutazzjonijiet jinkludu rieżami tad-disponibbiltà, il-kwalità u l-puntwalità tad-*data* u azzjonijiet ta' segwitu f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri jintalbu jipprovdu ċifri rilevanti lill-Kummissjoni dwar l-istatistika agrikola. Dawk iċ-ċifri huma soġġetti għal skadenzi stretti għat-trażmissjoni, li jridu jiġu rispettati għall-ġestjoni tajba, it-tixrid u l-utilità tal-istatistika Ewropea, peress li *data* nieqsa jew mhux kompluta twassal għal nuqqasijiet fid-disponibbiltà

tal-informazzjoni (jiġifieri, mhux possibbli jiġu kkalkulati l-aggregati tal-Unjoni u li tiġi ppubblikata d-*data* skont l-iskedi taż-żmien ippjanati).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jikkostitwixxi l-qafas legali bażiku għall-funzjonament tas-sistema Ewropea tal-istatistika u għal-leġiżlazzjoni settorjali kollha għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.

Filwaqt li t-tempestività, il-puntwalità u l-kompletezza diġà huma fatturi importanti fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-konformità biex ikun żgurat tixrid fil-ħin tal-istatistika agrikola, se tingħata aktar attenzjoni lil dawk id-dimensjonijiet u lil dimensjonijiet oħra tal-kwalità biex tkun żgurata l-fiduċja fl-istatistika prodotta mill-Eurostat u l-ESS.

- **Titjib kontinwu tal-EASS: identifikazzjoni ta' ħtiġijiet tad-*data* ġodda u sorsi ġodda tad-*data*, titjib tal-koerenza, tnaqqis tal-piż**

Bħalissa, il-Eurostat imexxi seduti annwali ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni. Punt importanti għal dawn is-seduti hu l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma rispettivi. Dawn jipprovdu pjattaforma formali biex jiġu dikjarati l-ħtiġijiet li ġejjin għal statistika ġdida u biex tiġi riveduta l-utilità tal-istatistika disponibbli.

Aktar kollaborazzjoni ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra sseħħ f'livelli ġerarkiċi differenti waqt laqgħat u seminars regolari ta' Gruppi ta' Esperti, laqgħat tal-Grupp tad-Diretturi u tal-ESSC, u bi skambji bilaterali frekwenti. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-identifikazzjoni ta' *data* amministrattiva u sorsi oħra tal-informazzjoni miżmuma skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom għall-produzzjoni tal-istatistika biex jiġu stabbiliti ftehimiet għall-istabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-adattament eventwali tagħhom biex ikunu jissodisfaw aħjar ir-rekwiżiti tal-istatistika. Barra minn hekk, minn żmien għal żmien se jsiru stħarriġiet u analiżijiet biex jiġu identifikati potenzjali għat-titjib fl-istatistika agrikola Ewropea u biex jitnaqqas il-piż.

Dawk l-aġġustamenti u l-funzjonament ġenerali tal-qafas legali se jiġu monitorjati u evalwati b'mod partikolari skont l-objettivi tal-istrateġija elenkati hawn fuq.

- **Rapporti ta' monitoraġġ kull tliet snin**

Biex jiġi monitorjat il-funzjonament tal-EASS imġedda u jkun żgurat li din tilħaq l-għanijiet tar-REFIT ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż, se jsir rappurtar regolari dwar il-funzjonament tas-sistema kumplessiva kull tliet (3) snin.

- **Evalwazzjoni**

It-tieni rapport ta' monitoraġġ triennali se jinbidel b'evalwazzjoni retrospettiva tal-EASS imġedda, imwettqa skont il-linji gwida tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Din tista' tikkostitwixxi wkoll bażi għal reviżjonijiet ulterjuri tal-leġiżlazzjoni, jekk jitqiesu meħtieġa.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost jispeċifika l-kontenut tal-istatistika dwar l-inputs u l-outputs fl-agrikoltura. Jispeċifika li l-Istati Membri jridu jipprovdu statistika dwar 4 dominji u 12-il suġġett relatat. Id-dominji huma l-istatistika dwar il-produzzjoni tal-annimali, l-istatistika dwar il-produzzjoni tal-pjanti, l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli, u l-istatistika dwar in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Dan hu appoġġat b'Artikoli relatati mas-suġġett, id-definizzjonijiet, il-popolazzjoni statistika u l-unitajiet ta' osservazzjoni, il-

kopertura, il-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data*, is-sorsi u l-metodi tad-*data*, il-perjodi ta' referenza, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità, u kontribuzzjonijiet finanzjarji potenzjali. Barra minn hekk, ir-Regolament jipprovdi l-possibbiltà li jiddaħħlu suġġetti *ad hoc* speċifiċi relatati mal-input u l-output agrikoli li jissupplimentaw id-*data* miġbura fuq bażi regolari.

Is-settijiet tad-*data* dettaljati se jiġu speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni (Regolamenti).

2021/0020 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Hemm bżonn bażi ta' għarfien statistiku għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni ta' politiki relatati mal-agrikoltura fl-Unjoni, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni ("PAK"), inkluż miżuri tal-iżvilupp rurali, kif ukoll politiki tal-Unjoni relatati, fost affarijiet oħra, mal-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-użu tal-art, ir-reġjuni, is-saħħa pubblika u l-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Il-ġbir tad-*data* statistika, b'mod partikolari dwar l-input u l-output agrikoli, jenħtieġ jimmira, fost l-oħrajn, li jinforma l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'*data* aġġornata li tappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew bl-istrateġiji relatati "mill-għalqa sal-platt" u "tal-bijodiversità" u r-riformi futuri tal-PAK.

(3) *Data* statistika armonizzata ta' kwalità għolja hi importanti biex jiġu vvalutati l-istat u x-xejriet tal-input u tal-output agrikoli fl-Unjoni, il-funzjonament tas-swieq, u s-sigurtà alimentari u biex jiġu vvalutati s-sostenibbiltà u l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-politiki tal-Unjoni u nazzjonali. Dik id-*data* tinkludi iżda mhix limitata għal statistika dwar il-bhejjem u l-laħam, il-produzzjoni u l-użu tal-bajd, u l-produzzjoni u l-użu tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib. L-istatistika dwar l-erja, ir-rendiment u l-produzzjoni ta' għelejjel li jinħartu, ħxejjex, għelejjel permanenti varji u mergħat u bilanċi ta' komoditajiet hi importanti wkoll. Qed tiżdied dejjem aktar il-ħtieġa ta' statistika dwar il-bejgħ u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti.

(4) Evalwazzjoni internazzjonali tal-istatistika agrikola wasslet għall-ħolqien ta' strateġija globali għal titjib tal-istatistika agrikola u rurali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti li ġiet approvata mill-Kumitat tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2010. L-istatistika agrikola Ewropea jenħtieġ, fejn xieraq, timxi mar-rakkomandazzjonijiet ta' dik l-istrateġija globali.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] jipprevedi qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistabbilixxi kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jinżamm f'minimu l-piż tar-rispons fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-għan aktar ġenerali tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

(6) L-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha[13], approvata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("ESSC") f'Novembru 2015, tipprevedi l-adozzjoni ta' żewġ regolamenti qafas li jkopru l-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istatistika agrikola, bl-eċċezzjoni tal-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura. Dan ir-Regolament hu wieħed minn dawk iż-żewġ regolamenti qafas u jenħtieġ jikkumplimenta r-Regolament qafas (UE) 2018/1091[14] li diġà ġie adottat.

(7) L-istatistika Ewropea dwar l-inputs u l-outputs agrikoli bħalissa qed tinġabar, tiġi prodotta u mxerrda fuq il-bażi ta' bosta atti legali. Din l-istruttura la tipprovdi konsistenza xierqa fost id-dominji individwali tal-istatistika, u lanqas ma tippromwovi approċċ integrat għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika agrikola. Dan ir-Regolament jenħtieġ jissostitwixxi dawk l-atti legali għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni, u biex tkun żgurata l-konsistenza u l-koordinazzjoni fl-istatistika agrikola Ewropea kollha, jiffaċilita l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċessi statistiċi korrispondenti, u jippermetti approċċ aktar ħolistiku. Għalhekk jeħtieġ jitħassru r-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008[15], (KE) Nru 543/2009[16] u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE[18]. Il-bosta ftehimiet relatati tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u l-ftehimiet informali dwar it-trażmissjoni tad-*data* jenħtieġ jiġu integrati f'dan ir-Regolament fejn kien hemm evidenza li d-*data* tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti, li l-metodoloġija miftiehma taħdem u li d-*data* hi ta' kwalità xierqa.

(8) L-istatistika meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008[19] inġabret mill-ESS, u din tissodisfa wħud mill-istandards tal-kwalità tagħha iżda mhux kollha. Dik l-istatistika tappoġġa l-politiki Ewropej u nazzjonali fit-tul u jenħtieġ tiġi

---

12 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

13 https://ec.europa.eu/eurostat/web/agriculture/methodology/strategy-beyond-2020

14 Ir-Regolament (KE) Nru 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

15 Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1).

16 Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1).

17 Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1).

18 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib (ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27).

19 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi għat-tqegħid fis-suq tal-bajd tat-tifqis u tal-flieles tat-tjur tal-irziezet (ĠU L 168, 28.6.2008, p. 5).

integrata bħala statistika Ewropea biex tiġi ggarantita d-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data*. Biex ikun evitat rappurtar doppju mill-Istati Membri, jenħtieġ jitneħħew ir-rekwiżiti statistiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 617/2008.

(9) Parti kbira miż-żona agrikola Ewropea tikkonsisti f'mergħat. Fil-passat, il-produzzjoni ta' dawk iż-żoni ma tqisitx importanti u għalhekk ma ġiet inkluża l-ebda *data* dwar il-produzzjoni fl-istatistika dwar l-għelejjel. Peress li l-impatt tal-mergħat u tar-ruminanti fuq l-ambjent sar aktar importanti minħabba t-tibdil fil-klima, hemm bżonn statistika dwar il-produzzjoni tal-mergħat u r-ragħa tal-annimali.

(10) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-input u l-output agrikoli b'informazzjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u biex tkompli tiġi implimentata l-istrateġija għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha, dan ir-Regolament jenħtieġ jikkumplimenta r-Regolament (UE) 2018/1091.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] ma jkoprix l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli, iżda jenħtieġ ikunu żgurati d-disponibbiltà u l-koerenza tagħha mal-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura ("EAA"). Peress li l-EAA huma kont satellita ta' kontijiet nazzjonali, mhux xieraq li tiġi inkluża statistika dwar il-prezzijiet agrikoli fir-Regolament (KE) Nru 138/2004. Għalhekk, l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli jenħtieġ tkun tkopri l-istatistika dwar il-prezzijiet tal-input agrikolu li hi koerenti mal-EAA. Id-*data* dwar il-prezzijiet assoluti tal-output agrikolu jenħtieġ tkun disponibbli fl-Istati Membri biex ikunu jistgħu jsiru kalkoli tal-EAA u indiċijiet tal-prezzijiet komparabbli.

(12) Jenħtieġ li d-*data* dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-pestiċidi li trid tiġi ppreżentata skont id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] tintuża f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik id-Direttiva u ta' dak ir-Regolament għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(13) Statistika komparabbli mill-Istati Membri kollha dwar l-input u l-output agrikoli hi importanti biex jiġi ddeterminat l-iżvilupp tal-PAK. Għalhekk, għall-varjabbli, jenħtieġ jintużaw klassifikazzjonijiet standard u definizzjonijiet komuni sa fejn dan ikun possibbli.

(14) Id-*data* meħtieġa għall-kompilazzjoni tal-istatistika jenħtieġ li, fejn possibbli, tinġabar bl-inqas kostijiet u piż amministrattiv. Għalhekk jeħtieġ jiġu identifikati sidien possibbli tas-sorsi tad-*data* meħtieġa u jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jintużaw għall-istatistika.

(15) Is-settijiet tad-*data* li jridu jiġu trażmessi jkopru diversi dominji tal-istatistika. Biex jinżamm approċċ flessibbli li jippermetti li l-istatistika tiġi adattata meta jinbidlu r-rekwiżiti tad-*data*, jenħtieġ jiġu speċifikati biss id-dominji, is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati fir-Regolament bażiku, u s-settijiet tad-*data* dettaljati jiġu speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni.

---

20 Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

21 Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

22 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

(16) Il-produzzjoni organika qed issir dejjem aktar importanti bħala indikatur ta' sistemi tal-produzzjoni agrikola sostenibbli. Għalhekk jeħtieġ ikun żgurat li l-istatistika disponibbli dwar il-biedja organika tkun konsistenti ma' statistika oħra dwar il-produzzjoni agrikola billi tiġi integrata fis-settijiet tad-*data*. Dik l-istatistika dwar il-produzzjoni organika jenħtieġ tkun koerenti wkoll mal-informazzjoni amministrattiva prodotta skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] u jenħtieġ tuża din l-informazzjoni.

(17) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], l-unitajiet territorjali jenħtieġ jiġu ddefiniti skont il-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS").

(18) Jenħtieġ ikun possibbli li tinġabar *data* dwar suġġetti *ad hoc* relatati mal-input u l-output agrikoli fi żmien speċifiku biex id-*data* miġbura fuq bażi regolari tiġi ssupplimentata b'*data* kumplimentari dwar suġġetti li jeħtieġu aktar informazzjoni, fenomeni emerġenti jew innovazzjonijiet.

(19) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ ikunu permessi eżenzjonijiet minn ċerti trażmissjonijiet regolari tad-*data* jekk il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għat-total tal-UE għal din id-*data* jkunu baxxi.

(20) Biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika tal-ESS u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, l-istituti nazzjonali tal-istatistika ("NSIs") u awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ ikollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw, minnufih u mingħajr ħlas, kull *data* amministrattiva li tinġabar għal finijiet pubbliċi, irrispettivament minn jekk tkunx miżmuma minn korpi pubbliċi jew privati. L-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra jenħtieġ ikunu jistgħu ukoll jintegraw dik id-*data* amministrattiva mal-istatistika, sakemm din id-*data* tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika agrikola Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(21) L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ jagħmlu ħilithom biex jimmodernizzaw il-modi tal-ġbir tad-*data* kemm jista' jkun. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali jenħtieġ jiġi promoss.

(22) Biex tkun żgurata l-flessibbiltà u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, fuq l-NSIs u fuq awtoritajiet nazzjonali oħra, l-Istati Membri jenħtieġ jitħallew jużaw stħarriġiet statistiċi, rekords amministrattivi u kwalunkwe sors, metodu jew approċċ innovattiv ieħor, inkluż metodi bbażati fuq ix-xjenza u dokumentati sew bħall-imputazzjoni, l-istima u l-immudellar. Jenħtieġ li l-kwalità, u b'mod partikolari l-preċiżjoni, it-tempestività u l-komparabbiltà tal-istatistika bbażata fuq dawn is-sorsi, ikunu żgurati dejjem.

(23) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-trażmissjoni tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-*data*, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali. Il-miżuri li jittieħdu skont dan ir-Regolament iridu jiżguraw li d-*data* kunfidenzjali tiġi trażmessa u użata

---

[23] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

esklussivament għall-finijiet tal-istatistika skont l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jeżiġi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u mal-kriterji tal-kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament. Ir-rapporti ta' kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva l-istruttura unika integrata tal-metadata bħala l-istandard tal-ESS għar-rappurtar dwar il-kwalità, u b'hekk għen biex jiġu ssodisfati, bi standards uniformi u metodi armonizzati, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak l-istandard tal-ESS irid jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tar-rappurtar dwar il-kwalità skont dan ir-Regolament

(25) Saret valutazzjoni tal-impatt skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, biex il-programm statistiku stabbilit b'dan ir-Regolament jiffoka fuq il-ħtieġa għall-effettività fil-kisba tal-objettivi u biex jiġu inkorporati restrizzjonijiet baġitarji.

(26) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-input u l-output agrikoli fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għax hemm bżonn approċċ ikkoordinat, iżda pjuttost jista', għal raġunijiet ta' konsistenza u komparabbiltà, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(27) Biex jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tad-*data* emerġenti li jirriżultaw prinċipalment minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, minn leġiżlazzjoni riveduta u minn bidliet fil-prijoritajiet ta' politika, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda s-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament u tistabbilixxi s-suġġetti u s-suġġetti dettaljati li jridu jiġu pprovduti u arranġamenti prattiċi oħra għall-ġbir tad-*data ad hoc* kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adattati waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[25]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jindirizzaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(28) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika s-settijiet tad-*data* marbuta mas-suġġetti u s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness u l-elementi tekniċi tad-*data* li trid tiġi pprovduta, tistabbilixxi l-listi u d-deskrizzjonijiet tal-varjabbli u arranġamenti prattiċi oħra għall-ġbir tad-*data ad hoc*, u tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti dwar il-kwalità u l-kontenut

---

[25] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

tagħhom. Dawk is-setgħat jenħtieġ jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].

(29) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teħtieġ adattamenti maġġuri fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati, f'każijiet debitament ġustifikati u għal perjodu taż-żmien limitat. Adattamenti maġġuri bħal dawn jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari mill-ħtieġa li s-sistemi tal-ġbir tad-*data* jiġu adattati biex ikunu jinkludu r-rekwiżiti ġodda tad-*data*, inkluż l-aċċess għal sorsi amministrattivi.

(30) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ jiġu mħarsa b'miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, inkluż il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin u, meta jkun xieraq, il-penali amministrattivi u finanzjarji.

(31) Dan ir-Regolament jenħtieġ japplika mingħajr preġudizzju kemm għad-Direttiva 2003/4/KE[27] u għar-Regolament (KE) Nru 1367/2006[28].

(32) Il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-qafas tal-ESS jenħtieġ jissaħħu biex ikunu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea prodotta skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 338(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-*data* tinġabar ukoll minn korpi oħra tal-Unjoni lil hinn minn dawk imsemmija f'dan ir-Regolament u minn organizzazzjonijiet oħra. Għalhekk jenħtieġ tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawn l-organizzazzjonijiet u dawk involuti fl-SSE biex jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji.

(33) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-istatistika Ewropea aggregata relatata mal-inputs u l-outputs tal-attivitajiet agrikoli, kif ukoll l-użu intermedju ta' dan l-output fl-agrikoltura, u l-ġbir u l-ipproċessar industrijali tiegħu.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "erja agrikola użata", "unità ta' bhejjem", "azjenda agrikola" u "unità agrikola tal-

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.).

[27] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

[28] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

art komuni" stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (a), (b), (d), u (e) tar-Regolament (UE) 2018/1091.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "intrapriża tal-ħalib" tfisser intrapriża jew azjenda agrikola li tixtri ħalib sħiħ jew, f'ċerti każijiet, prodotti tal-ħalib, biex tibdilhom fi prodotti tal-ħalib; u intrapriżi li jiġbru l-ħalib jew il-krema biex jittrasferuhom kompletament jew parzjalment, mingħajr ipproċessar, lil intrapriżi oħra tal-ħalib;

(2) "biċċerija" tfisser intrapriża rreġistrata u approvata uffiċjalment li għandha l-permess għall-qtil u t-tlestija tal-annimali li l-laħam tagħhom hu maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(3) "mafqas" tfisser intrapriża għall-inkubazzjoni tal-bajd, għat-tifqis u għall-provvista tal-flieles;

(4) "unità ta' rappurtar" tfisser l-unità li tipprovdi d-*data* statistika;

(5) "unità ta' osservazzjoni" tfisser entità identifikabbli li dwarha tista' tinkiseb *data*;

(6) "dominju" tfisser sett jew settijiet tad-*data* li jkopru suġġetti partikolari;

(7) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi kompilata dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni, fejn kull suġġett ikopri suġġett dettaljat wieħed jew aktar;

(8) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tiġi kompilata dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni relatati ma' suġġett, fejn kull suġġett dettaljat ikopri varjabbli jew aktar minn wieħed;

(9) "sett tad-*data*" tfisser varjabbli aggregat jew diversi varjabbli aggregati organizzati bħala tabella;

(10) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità li tkun qed tiġi osservata li tista' tassumi aktar minn sett wieħed ta' valuri;

(11) "*data* verifikata minn qabel" tfisser *data* verifikata mill-Istati Membri, abbażi ta' regoli komuni miftiehma ta' validazzjoni, kull meta disponibbli;

(12) "*data ad hoc*" tfisser *data* ta' interess partikolari għall-utenti f'mument speċifiku iżda li mhix inkluża fis-settijiet tad-*data* regolari;

(13) "*data* amministrattiva" tfisser *data* ġġenerata minn sors mhux statistiku, li normalment tinżamm minn korp pubbliku jew privat, li l-għan ewlieni tagħha mhux li tipprovdi statistika;

(14) "metadata" tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista' tintuża u tiġi interpretata, u li tiddeskrivi d-*data* b'mod strutturat.

(15) “utent professjonali” tfisser kwalunkwe persuna li tuża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti waqt it-twettiq tal-attivitajiet professjonali tagħha, inkluż operaturi, tekniċi, impjegaturi u persuni li jaħdmu għal rashom, fis-settur tal-biedja.

*Artikolu 3*

**Il-popolazzjoni statistika u l-unitajiet ta' osservazzjoni**

1. Il-popolazzjoni statistika li trid tiġi deskritta għandha tikkonsisti minn unitajiet statistiċi bħal azjendi agrikoli, unitajiet agrikoli tal-art komuni, intrapriżi li jipprovdu prodotti u servizzi lill-agrikoltura jew li jixtru jew jiġbru prodotti minn attivitajiet agrikoli, u intrapriżi li jipproċessaw dawn il-prodotti agrikoli, speċjalment imfaqas, intrapriżi tal-ħalib u biċċeriji.

2. L-unitajiet ta' osservazzjoni li jridu jiġu rrappreżentati fil-qafas statistiku għandhom ikunu l-unitajiet statistiċi msemmija fil-paragrafu 1 u, skont l-istatistika li trid tiġi rrappurtata, dawn li ġejjin:

(a) art użata għal attività agrikola;
(b) annimali użati għal attività agrikola;
(c) importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' prodotti minn attivitajiet agrikoli minn intrapriżi mhux agrikoli;
(d) tranżazzjonijiet u flussi ta' fatturi ta' produzzjoni, prodotti u servizzi lejn u minn attivitajiet agrikoli.

3. L-unitajiet ta' rappurtar għandhom ikunu l-unitajiet statistiċi msemmija fil-paragrafu 1 u intrapriżi u istituzzjonijiet oħra li jittrattaw informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tad-*data* msemmija fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti ta' kopertura**

1. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni statistika li tiddeskrivi.

2. Għad-dominju tal-istatistika tal-produzzjoni tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), id-*data* għandha tkopri 95% tal-unitajiet tal-bhejjem ta' kull Stat Membru u l-attivitajiet jew l-outputs relatati.

3. Għad-dominju tal-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), u għas-suġġett tan-nutrijenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (d)(i), id-*data* għandha tkopri 95% tal-erja agrikola użata totali (għajr il-ġonna kulinari) ta' kull Stat Membru u l-volumi ta' produzzjoni relatati.

4. Għas-suġġett tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (d)(iii), id-*data* għandha tkopri l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mqiegħda fis-suq kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 9 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw aktar ir-rekwiżiti ta' kopertura msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti tad-*data* regolari**

1. L-istatistika msemmija relatata mal-inputs u l-outputs tal-attivitajiet agrikoli għandha tkopri d-dominji u s-suġġetti li ġejjin:

   (a) statistika dwar il-produzzjoni tal-annimali
      (i) bhejjem u laħam
      (ii) bajd u flieles
      (iii) ħalib u prodotti tal-ħalib
   (b) statistika dwar il-produzzjoni tal-pjanti
      (i) produzzjoni tal-għelejjel
      (ii) bilanċi tal-għelejjel
      (iii) mergħat u ragħa
   (c) statistika dwar il-prezzijiet agrikoli
      (i) indiċijiet tal-prezzijiet agrikoli
      (ii) prezzijiet assoluti tal-input
      (iii) prezzijiet u kirjiet tal-art agrikola
   (d) statistika dwar in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
      (i) nutrijenti fil-fertilizzanti agrikoli
      (ii) bilanċi tan-nutrijenti
      (iii) prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

2. Is-suġġetti dettaljati għandhom ikunu kif stipulat fl-Anness.

3. Id-*data* għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fil-forma ta' settijiet tad-*data* aggregati.

4. Id-*data* dwar il-produzzjoni u l-prodotti organiċi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/848 għandha tiġi integrata fis-settijiet tad-*data*.

5. Id-*data* reġjonali għandha tiġi pprovduta fil-livell ta' NUTS2 kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

6. Meta varjabbli jkollu prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-valuri ta' dak il-varjabbli jistgħu jiġu esklużi mis-settijiet tad-*data* trażmessi, jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun debitament iġġustifika l-esklużjoni tiegħu lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

7. L-informazzjoni rilevanti tal-prezzijiet tal-input u l-output agrikoli, inkluż il-karatteristiċi u l-piżijiet tal-prodotti u s-servizzi, għandha tinġabar mill-Istati Membri biex jiġu kkompilati indiċijiet tal-prezzijiet komparabbli u għall-varjabbli meħtieġa għall-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura koperti mir-Regolament (KE) Nru 138/2004.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 li jemendaw is-suġġetti dettaljati stipulati fl-Anness.

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi s-settijiet tad-*data* li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tad-*data* li trid tiġi pprovduta, meta xieraq:

(a) il-lista tal-varjabbli;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli;

(c) il-varjabbli dwar il-produzzjoni u l-prodotti organiċi;

(d) il-varjabbli fil-livell reġjonali;

(e) l-unitajiet ta' osservazzjoni u ta' rappurtar;

(f) ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni;

(g) ir-regoli metodoloġiċi;

(h) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2) sa mhux aktar tard minn disa' (9) xhur qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.

10. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* verifikata minn qabel u l-metadata relatata b'format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (il-Eurostat) għal kull sett tad-*data*. Is-servizzi tal-punt uniku ta' dħul għandhom jintużaw biex jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti tad-*data ad hoc***

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament skont l-Artikolu 14 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta fuq bażi *ad hoc*, meta l-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies meħtieġ. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:

(a) is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati li jridu jiġu pprovduti fil-ġbir tad-*data ad hoc* u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;

(b) il-perjodi ta' referenza.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew bis-sena ta' referenza [*insert 2 years after entering into force of the Regulation*] u b'minimu ta' sentejn bejn kull ġbir tad-*data ad hoc*.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi:

(a) lista tal-varjabbli li trid tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (il-Eurostat);

(b) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli;

(c) ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni;

(d) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data.*

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15 sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.

*Artikolu 7*

**Frekwenza tat-trażmissjoni tas-settijiet tad-*data***

1. Il-frekwenza tat-trażmissjoni tas-settijiet tad-*data* għandha tkun kif stipulat fl-Anness. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw kull frekwenza tat-trażmissjoni f'aktar dettall.

2. Stat Membru jista' jiġi eżentat minn ċerti trażmissjonijiet regolari tad-*data* meta l-impatt tal-Istat Membru fuq it-total tal-UE ta' varjabbli jkun limitat. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu limiti għall-varjabbli skont metodoloġija speċifika b'tali mod li l-applikazzjoni ta' dawk il-limiti ma tnaqqasx l-informazzjoni dwar it-total mistenni tal-UE tal-varjabbli fis-sena ta' referenza b'aktar minn 5%. Il-limiti għandhom jiġu riveduti biex ikunu jikkorrispondu max-xejriet tat-totali tal-UE, mibdija mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw f'aktar dettall dan li ġej:

(a) il-limitu li taħtu l-produzzjoni ta' varjabbli titqies li tħalli impatt limitat fuq l-aggregat totali mistenni tal-UE;

(b) is-sors tad-*data* u l-metodoloġija li trid tintuża biex jiġi definit il-limitu;

(c) il-varjabbli li għalihom tapplika din l-eżenzjoni.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 8*

**Sorsi tad-*data* u metodi**

1. Biex tinkiseb statistika relatata mal-inputs u l-outputs tal-attivitajiet agrikoli, l-Istati Membri għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi jew il-metodi li ġejjin, sakemm l-informazzjoni tippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 10:

(a) stħarriġiet statistiċi jew metodi oħra tal-ġbir tad-*data* statistika;

(b) is-sorsi tad-*data* amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2;

(c) sorsi, metodi jew approċċi innovattivi oħra.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe informazzjoni mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ("SIAK") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [29], is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bovini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [30] u s-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 [31], ir-reġistru tal-vinji implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [32], u r-reġistri tal-biedja organika stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/848.

3. L-istatistika dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (d)(iii) għandha tingħata bir-rekords miżmuma u magħmula disponibbli f'konformità mal-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

4. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jitolbu mingħand l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, b'format elettroniku, rekords li jkopru mill-anqas l-isem tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, id-doża tal-applikazzjoni, iż-żona prinċipali u l-għelejjel fejn intuża l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità ta' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw is-sorsi, il-metodi jew l-approċċi innovattivi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) tul is-sena ta' qabel is-sena ta' referenza li matulha se jiġi introdott is-sors, il-metodu jew l-approċċ innovattiv, u għandhom jipprovdu dettalji dwar il-kwalità tad-*data* miksuba.

6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom id-dritt jaċċessaw u jużaw, minnufih u mingħajr ħlas, *data*, inkluż *data* individwali dwar intrapriżi u azjendi agrikoli f'fajls amministrattivi kkompilati fit-territorju nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-awtoritajiet nazzjonali u s-sidien tar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa għal dan l-aċċess. Dak l-aċċess għandu jingħata wkoll meta l-awtorità kompetenti tkun iddelegat kompiti lil korpi privati jew semi-pubbliċi, li jridu jitwettqu f'isimha.

---

29 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

30 Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

31 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

32 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

*Artikolu 9*

**Perjodu ta' referenza**

L-informazzjoni miġbura għandha tirreferi għal perjodu ta' referenza uniku li jkun komuni għall-Istati Membri kollha b'referenza għas-sitwazzjoni tul perjodu taż-żmien speċifikat.

Il-perjodu ta' referenza għal kull suġġett dettaljat għandu jkun kif speċifikat fl-Anness. L-ewwel perjodi ta' referenza għandhom jibdew fis-sena kalendarja [*insert the year starting on 1 January following 18 months after adoption*].

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-perjodi ta' referenza f'aktar dettall. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 10*

**Kwalità u rappurtar dwar il-kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* u l-metadata trażmessa.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* miksuba bl-użu tas-sorsi u l-metodi stabbiliti fl-Artikolu 8 tagħti stimi preċiżi dwar il-popolazzjoni statistika definita fl-Artikolu 3 fil-livell nazzjonali, u, meta meħtieġ, fil-livell reġjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* u l-metadata trażmessa b'mod trasparenti u verifikabbli.

5. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport dwar il-kwalità li jiddeskrivi l-proċessi statistiċi lill-Kummissjoni (il-Eurostat), għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru tas-sena [*insert the year starting 1 January following 30 months after adoption*], u mbagħad kull tliet (3) snin, għas-settijiet tad-*data* trażmessi tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari:

(a) metadata li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif inkisbu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' kopertura kif deskritt fl-Artikolu 4, inkluż fl-iżvilupp u l-aġġornament tagħha.

6. Għandhom jiġu trażmessi rapporti metodoloġiċi separati għas-suġġett dettaljat "*Ponderazzjonijiet u indiċijiet ibbażati mill-ġdid*" fl-istess ħin mad-*data*.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti dwar il-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

8. L-Istati Membri għandhom, meta meħtieġ, jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidliet rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kwalità tad-*data* trażmessa.

9 Meta jintalbu mill-Kummissjoni (il-Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

*Artikolu 11*

**Kontribuzzjoni tal-Unjoni**

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni tista' tagħti għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 biex ikopru l-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data ad hoc*.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90% tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 12*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti mill-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu u, meta jkun xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditu, abbażi ta' verifiki ta' dokumenti u kontrolli fuq il-post, tal-benefiċjarji tal-għotja, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li irċevew fondi tal-Unjoni permezz tal-programm.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(33)] u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 [(34)] bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjati mill-programm.

---

33 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

34 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.)

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta’ kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi u ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet ta’ għotja u d-deċiżjonijiet ta’ għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b’mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

*Artikolu 13*

**Derogi**

1. Meta l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament jew tal-miżuri ta’ implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skontu tkun teħtieġ adattamenti maġġuri f’sistema nazzjonali tal-istatistika ta’ Stat Membru, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jagħtu derogi lill-Istati Membri għal perjodu massimu ta’ sentejn.

   L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal din id-deroga lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.

   L-impatt ta’ dawn id-derogi fuq il-komparabbiltà tad-*data* tal-Istati Membri jew fuq il-kalkolu tal-aggregati Ewropej fil-ħin u rappreżentattivi meħtieġa għandu jinżamm għal minimu. Fl-għoti tad-deroga għandu jitqies il-piż fuq ir-rispondenti.

2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 14*

**Eżerċitar tad-delega**

1 Is-setgħa li tadotta atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(8) u fl-Artikolu 6(1) u (2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien mhux determinat minn *[Publications Office: please insert exact date of entry into force of the Regulation]*.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(8) u fl-Artikolu 6(1) u (2) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ xi att delegat li jkun fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(8) u l-Artikolu 6(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 15*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 16*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 617/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 617/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3, 4 u 5 huma mħassra;

(2) l-Artikolu 11 huwa mħassar;

(3) l-Annessi III u IV huma mħassra.

Din l-emenda għandha tapplika mill-1 ta' Jannar [*of the year following 18 months after adoption*].

*Artikolu 17*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva 96/16/KE huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar [*of the first calendar year starting at least 18 months after adoption*].

2. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar [*of the year following 18 months after adoption*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1 Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2 Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

1.3 Il-proposta/inizjattiva tirrigwardja:

1.4 Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5 Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.6 Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1 Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2 Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3 Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

**3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1 Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2 Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3 L-impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika dwar l-Input u l-Output Agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva 96/16/KE.

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

Il-Produzzjoni tal-Istatistika Ewropea

### 1.3. Il-proposta/inizjattiva tirrigwardja:

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[35]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn oħra/azzjoni ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluż kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettiv ta' din il-proposta dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli (SAIO) hu li jitjiebu l-kwalità, il-komparabbiltà u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea biex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa abbażi tal-evidenza.

L-SAIO tkopri l-ġbir tal-istatistika agrikola dwar l-istatistika tal-produzzjoni tal-pjanti u tal-annimali, l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli u l-istatistika dwar in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'regolament qafas ewlieni u atti ta' implimentazzjoni. Bħala regolament, l-SAIO se jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. L-erba' atti ta' implimentazzjoni prinċipalment se jispeċifikaw listi u deskrizzjonijiet ta' varjabbli u r-rekwiżiti metodoloġiċi. Il-pakkett legali se jiġi implimentat fl-Istati Membri individwalment bi traspożizzjoni tal-varjabbli u tar-rekwiżiti l-oħra fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali, il-kwestjonarji u l-bqija, mill-mument tal-adozzjoni tal-atti 'l quddiem. Ir-Regolament mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2022, u l-atti ta' implimentazzjoni fl-2023.

35 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew kumplimentarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li hu addizzjonali għall-valur li nkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Politiki komuni tal-UE importanti bħall-PAK minnhom infushom jiddependu fuq statistika agrikola komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu ikunu żgurati bl-aħjar mod b'Regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri u mhemmx bżonn li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

Meta l-SAIO tkun fis-seħħ għalkollox, l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ ikollhom statistika agrikola Ewropea ta' kwalità għolja li tkun komparabbli u koerenti u li timponi piż aċċettabbli fuq ir-rispondenti tad-*data* u l-produtturi tad-*data* meta mqabbel mal-benefiċċji tagħhom. It-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza hu kruċjali għas-suċċess ta' politiki bħall-PAK, xprun importanti għall-impjiegi u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni.

1.4.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

L-istatistika agrikola Ewropea ilha pedament fundamentali tal-PAK u ta' ħafna politiki importanti oħra tal-UE għal għexieren ta' snin. Iżda l-bażi ġuridika tagħha jeħtieġ tiġi aġġornata biex tirrispondi għall-bidliet fl-agrikoltura u biex tirrimedja l-kwistjonijiet ewlenin identifikati fl-evalwazzjoni tas-sistema Ewropea attwali tal-istatistika agrikola. Dawn il-kwistjonijiet huma:

1. Il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-istatistika agrikola ma taqdix b'mod adegwat il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti tad-*data*

2. L-EASS mhix flessibbli biżżejjed u mhix tirreaġixxi malajr biżżejjed għall-ħtiġijiet emerġenti

3. Il-ġbir tad-*data* mhux armonizzat u koerenti għal grad sodisfaċenti

4. L-istatistika tista' tiġi prodotta b'mod aktar effiċjenti

5. Il-piż tal-provvista tad-*data* hu meqjus qawwi

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-regolament propost hu parti mill-istrateġija tal-Eurostat għall-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn minnha, u jikkonsisti f'żewġ Regolamenti qafas dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli (IFS) u dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli (SAIO) rispettivament, u Regolament aġġornat dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (EAA). It-tliet Regolamenti kollha se jintegraw kamp ta' applikazzjoni komuni u se jkunu jaqsmu id-dokumentazzjoni teknika u metodoloġika, u flimkien ikopru l-aspetti kollha tal-istatistika agrikola.

## 1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ **tul taż-żmien limitat**

☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **tul taż-żmien mhux limitat**

Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2022 sal-2024, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[36]

☒ **Ġestjoni diretta** min-naħa tal-Kummissjoni

☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

☐ pajjiżi terzi jew il-korpi deżinjati;

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ korpi regolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

*Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, agħti dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[36] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-benefiċjarji tal-għotjiet iridu jipprovdu d-*data* miġbura u r-rapporti dwar il-kwalità korrispondenti.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u kontroll

*Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma tkunx fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema tfasslet biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti multipli, għall-fini tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata biex tipproteġi l-attivitajiet ewlenin tas-sħab tal-ESS filwaqt li tiżgura u tassigura aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola.

Wieħed mill-kriterji ewlenin li d-*data* statistika trid tissodisfa hu li tkun konsistenti u komparabbli. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri, mingħajr leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rappurtar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

L-objettiv tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti jekk l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti. L-azzjoni tista' tittieħed b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' att legali tal-Unjoni li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fid-dominji tal-istatistika koperti mill-att propost. Sadanittant, il-ġbir tad-*data* nnifsu jista' jsir mill-Istati Membri.

#### *2.2.1. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Riskji: kwistjonijiet potenzjali ta' kwalità tad-*data* u ta' tempestività.

Sistemi ta' kontroll stabbiliti biex jimmitigaw ir-riskji: Dokumentazzjoni teknika u metodoloġika u linji gwida li jridu jiġu kkomunikati lill-Istati Membri minn qabel. Il-konformità mal-iskadenzi se tiġi monitorjata. Ir-rapporti dwar il-kwalità se jiġu skrutinati.

#### *2.2.2. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kontrolli se jsiru mill-uffiċjali tal-Kummissjoni bħala parti mid-dmirijiet regolari tagħhom. Il-benefiċċji tagħhom huma żieda fil-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data*. Il-livell mistenni tar-riskju ta' errur hu baxx, għax il-ġbir tad-*data* dwar l-istatistika agrikola ilu mill-ħamsinijiet isir b'kooperazzjoni tajba mal-Istati Membri. L-

adattament tas-sistemi tekniċi u ta' sistemi oħra jista' jwassal għal żieda żgħira fir-riskju ta' errur fuq perjodu taż-żmien qasir, iżda mistenni jerġa' lura għall-medja fuq perjodu taż-żmien qasir u medju.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Minbarra l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll regolatorji kollha, il-Eurostat se japplika strateġija kontra l-frodi f'konformità mal-azzjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni kontra l-frodi. Dan se jiżgura li l-approċċ tar-riskju tal-ġestjoni tal-frodi jkun immirat lejn l-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju ta' frodi u reazzjonijiet adegwati. Meta meħtieġ, se jiġu stabbiliti gruppi ta' networking u għodod speċifiċi tal-IT iddedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi.

Il-Eurostat iddefinixxa strateġija ta' kontroll li takkumpanja l-implimentazzjoni tan-nefqa. Il-miżuri u l-għodod f'din l-istrateġija huma applikabbli bis-sħiħ għar-Regolament propost. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri kosteffettivi tal-monitoraġġ kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli *ex-ante* u *ex-post* abbażi tar-riskju se jkollhom l-għan li jnaqqsu l-probabbiltà ta' frodi u jgħinu biex dan ikun evitat. Miżuri speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ rilevanti fil-prevenzjoni tal-frodi huma parti mill-istrateġija ta' kontroll.

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i ġodda tan-nefqa proposti

L-impatt finanzjarju tal-proposta mhux magħruf waqt l-adozzjoni tar-Regolament. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mhix applikabbli għall-ġbir regolari tad-*data* statistika, iżda għall-ġbir tad-*data ad hoc* speċifikat fl-Artikolu 6 biss. L-ewwel ġbir tad-*data ad hoc* jista' jsir sa mhux aktar kmieni minn sentejn wara l-ewwel sena ta' referenza, jekk ikun hemm ħtieġa għall-għarrieda u ġġustifikata sew ta' *data*. Minħabba dan, f'dan l-istadju mhux possibbli li jiġi identifikat l-impatt finanzjarju.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru […][Intestatura ……………….] | Diff./Mhux diff[37]. | minn pajjiżi tal-EFTA[38] | minn pajjiżi kandidati[39] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| | | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[37] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[38] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[39] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | <…> | […][Intestatura……………...……………………………………………………….] |
|---|---|---|

| | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji mniżżla taħt 3.1) | Impenji | (1) | | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[40] | Impenji = Pagamenti | (3) | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm** | Impenji | =1+3 | | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =2+3 | | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Din it-taqsima jenħtieġ timtela bid-"*data* tal-baġit ta' natura amministrattiva" li se tiġi introdotta għall-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (LFS), imtella' fuq DECIDE għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

40 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 0.300 | 0.300 | 0.300 | 2.100 | 2.100 | 2.100 | 2.100 | 2.100 p.a. | **9.300** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 p.a. | **0.210** |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | | **9.510** |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet fost l-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.330 | 0.330 | 0.330 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | 2.130 p.a. | **9.510** |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |

### 3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.300 | 0.300 | 0.300 | 2.100 | 2.100 | 2.100 | 2.100 | **9.300** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | **0.210** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.330 | 0.330 | 0.330 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | **9.510** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[41] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 0.330 | 0.330 | 0.330 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | 2.130 | **9.510** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li hu ridistribwit fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[41] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tar-riżorsi umani.

☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima li trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-fulltime*

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 2 | 2 | 2 | 14 | 14 | 14 | 14 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Fulltime: FTE) - AC, AL, END, INT u JED** [42]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [43] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **2** | **2** | **2** | **14** | **14** | **14** | **14** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li hu ridistribwit fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | – il-validazzjoni tad-*data*<br>– l-appoġġ u x-xogħol metodoloġiku<br>– l-analiżi tar-rapporti<br>– it-tixrid tad-*data*<br>– il-ġestjoni ta' għotjiet relatati mal-inizjattiva |
| Persunal estern | |

42 AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Professjonisti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

43 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/inizjattiva:

☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tipprevedi kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

## 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/inizjattiva tħalli l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

indika, jekk id-dħul hu assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/inizjattiva[44] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

44 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% tal-kostijiet tal-ġbir.